movimento tal-fokolari

# Il-Kelma tal-Ħajja

## Lulju 2025

ĦARĠA 07

## "Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan, wasal ħdejh, rah u tħassru" (*Lq* 10,33).

Martina kienet qed tivvjaġġa fuq il-metrò f'waħda mill-ibliet il-kbar tal-Ewropa. Il-passiġġieri kienu kollha ffukati fuq il-mowbajl li kellhom f'idejhom. Virtwalment kienu konnessi bejniethom, iżda fil-fatt dawn kienu maqbuda f'nassa ta' iżolament. U dan wassal lil Martina biex tistaqsi lilha nnifisha: "M'għadx għandna l-ħila nħarsu f'għajnejn xulxin?".

Din l-esperjenza hi komuni ħafna, speċjalment f'soċjetajiet fejn hemm ħafna ġid materjali u fejn il-faqar tar-rabtiet bejn il-bnedmin qiegħed dejjem jiżdied. Iżda l-Vanġelu hu dejjem hemm, lest li joffri proposta oriġinali u kreattiva li hi kapaċi "ġġedded kollox"[1].

Fid-diskursata fit-tul li l-għaref tal-Liġi kellu ma' Ġesù, dan staqsieh x'kellu jagħmel biex jiret il-ħajja ta' dejjem[2], u Ġesù wieġbu bil-parabbola famuża tas-Samaritan it-tajjeb: Qassis u Levita, tnejn min-nies rispettati ħafna fis-soċjetà ta' dak iż-żmien, raw raġel mal-ġenb tat-triq li kienu attakkawh il-ħallelin; iżda dawn għaddew minn ħdejh u baqgħu sejrin.

**"Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan,
wasal ħdejh, rah u tħassru"**

Ġesù pproponielu mudell lill-għaref tal-Liġi, li kien jaf sew x'jgħid il-kmandament tal-imħabba lejn il-proxxmu[3]. Tah bħala mudell lil wieħed raġel barrani, li kien meqjus bħala għadu. Meta dan il-barrani ra lir-raġel ferut, tħassru, tqanqlet fih il-ħniena, sentiment li jitwieled fil-qalb tal-bniedem, u flok ma kompla l-vjaġġ li kien qed jagħmel, resaq lejn dan il-ferut u ħa ħsiebu.

Ġesù jaf li l-bniedem hu miġruħ bid-dnub. Propju għalhekk il-missjoni tiegħu hi li jfejjaq il-qlub tal-bnedmin bil-ħniena u l-maħfra li Alla jagħti b'ġenerożità kbira. B'hekk dawn il-qlub ikunu kapaċi jgħixu qrib tal-oħrajn u jaqsmu magħhom ir-realta' tal-ħajja.

"(…) Jekk irridu nitgħallmu nħennu bħalma jagħmel il-Missier, jekk irridu nkunu perfetti bħalu, jeħtieġ inħarsu lejn Ġesù, li jurina l-milja tal-imħabba tal-Missier. (…) L-imħabba għandha valur kbir li jagħti sens lil kollox (…); l-imħabba tesprimi ruħha bl-ogħla mod fil-ħniena. Ħniena li tgħinna nħarsu b'għajnejn ġodda

lejn dawk li ngħixu magħhom kuljum fil-familja, fl-iskola, fuq ix-xogħol ... bla ma niftakru fid-difetti u l-iżbalji tagħhom; bla ma niġġudikaw, imma billi naħfru lil min ikun għamlilna d-deni; anzi billi ninsew"[4].

**"Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan, wasal ħdejh, rah u tħassru"**

Fl-aħħar tat-tweġiba li Ġesu' ta lill-għaraf tal-Liġi, insibu stedina ċara li titlob minna deċiżjoni: "Mur, u agħmel hekk int ukoll"[5]. Ġesu' jtenni din l-istess stedina lil dawk kollha li jilqgħu l-Kelma tiegħu. Hu jistedinna nersqu qrib tal-oħrajn u nkunu lesti "mmissu" il-ġrieħi ta' dawk li niltaqgħu magħhom kuljum fit-toroq tal-ħajja. U jekk irridu nkunu qrib tal-oħrajn kif jitlob minna l-Vanġelu, jeħtieġ l-ewwelnett nitolbu lil Ġesù jfejjaqna mill-għama tal-preġudizzji u tal-indifferenza li ma tħalliniex naraw lil hinn minna nfusna. Imbagħad, is-Samaritan jgħallimna li jrid ikollna l-ħila ngħixu dik il-ħniena li lilu qanqlitu saħansitra biex jirriskja ħajtu stess. Ejjew nagħmlu bħalu: ejjew inkunu lesti li nagħmlu l-ewwel pass lejn il-persuna l-oħra, li nkunu lesti li nisimgħuha u nieħdu fuqna t-tbatija tagħha, ħielsa mill-ġudizzji u bla ma ninkwetaw li "qed naħlu l-ħin".

Din kienet l-esperjenza li għamlet tfajla Koreana: "Ippruvajt ngħin tfajla oħra iżgħar minni li ma kenitx tal-istess kultura tiegħi u li ma tantx kont nafha. Għalkemm ma tantx kont naf x'ser naqbad nagħmel, għamilt il-kuraġġ u ppruvajt. Bqajt milquta meta ndunajt li waqt li kont qed noffri l-għajnuna tiegħi, bdejt inħossni qed infieq mill-ġrieħi li kelli fija jien".

Din il-Kelma tal-Ħajja toffrilna ċavetta tad-deheb biex ngħixu l-ħajja ta' Nsara: twassalna biex nagħrfu li aħna lkoll bnedmin, li fina hemm ix-xbieha t'Alla, u tgħallimna negħlbu b'kuraġġ dawn il-limiti kollha li jifirduna minn xulxin. Jekk nagħrfu dan u ngħixuh, inkunu nistgħu inwessgħu ħarsitna minn fuq "aħna" għal fuq "kulħadd", u niskopru mill-ġdid li aħna familja waħda.

Letizia Magri u t-tim tal-Kelma tal-Ħajja

**REFERNZI**

1: Ara *Ap* 21,5.

2: Ara. *Lq* 10, 25-37.

3: *Dt* 6,5; *Lv* 19,18.

4: C. Lubich, Kelma tal-Ħajja Ġunju 2002, (*Parole di Vita, a cura di Fabio Ciardi, (Opere di Chiara Lubich 5), Città Nuova, Roma,* 2017, pġ. 659

5: *Lq*, 10.37

**ĊENTRU TAL-MOVIMENT TAL-FOKOLARI**
18, 'Stellaelise', Triq il-Ħuttaf,
Kappara
T. 21 385 801 | E. focolare.malta@outlook.com

**www.focolaremalta.org**